Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATUR
# Laqgħa Numru 53
# It-Tlieta 24 ta' Jannar 2017

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-6.00p.m.

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Matthew Agius – Kunsillier
Romina Galea – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Emanuel Brincat – Kunsillier
Lino Bartolo - Kunsillier
Matthew Mangion -Chairperson KAS

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

**Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku**

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

53.0.01 Is-Sur Maurice Agius talab lill-Kunsilliera preżenti għal minuta silenzju b'rispett għat-telfa ta'sur-Francis Baldacchino missier Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai li l' Mulej għoġbu isejjaħlu fil-15 ta'Jannar 2017.

### 53.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija ta'

53.1.01 Dr. Alex Sciberras – Viċi Sindku talab li jkun skużat minħabba li kien jinsab ma jiflaħx

53.1.02 Alan Abela Wadge – Kunsillier għarraf li se Jasal tard minħabba impenn ieħor.

53.1.03 Matthew Mangion - Chaiperson KAS talab li jkun skużat minħabba impenn ta'xogħol

### 53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

53.2.01 Il-minuti ta' Seduta Nru 52 ttieħdu bħala moqrija u saru xi korrezzjonijiet. Il-minuti ġew approvati unanimament.

### 53.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

53.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-Kunsilliera li għanda tiġi l-accountant fejn se tagħti spjega tar-rapport finanzjarju liema dokument hemm preżentat fuq il-mejda. Hawn spjegat jekk hemmx qbil li tiġi sospiża il-laqgħa ha jiġi diskuss is-suġġett finanzi. Is-Sindku għarfet li saret laqgħa mal-GWU dwar il-problemi ta' kontijiet għolja ta' dawl u ilma tal-monument u ġie miftiehem li niltaqgħu fuq il-post għal spezzjoni aħjar ha naraw kif- jistgħu jeghejnu.

Saret laqgha mal-GWU dwar il-problemi ta' kontijiet gholja ta' dawl u ilma u gie miftiehem li niltaqghu fuq il-monument ghall spezzjoni ahjar ha naraw kif jistghu jeghejnu.

### 53.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

53.4.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar żviluppi mil-punti tal-laqgħa preċedenti.

53.4.02 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar il-proġett tal-ġnien ma' Triq l-Irmiġġ li tlabna lill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima għass siġar u pjanti u dawn staqsew x'hemm bżonn.

53.4.03 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill li kitebna lill-kumpanija Next Bike Ittra li bagħatna reġistrata biex jittnehew l-stands.

53.4.04 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar il-fanal li kellu jinqala b'ordni tal-qorti fi Triq Sant Antnin, li tlabna permess mingħand is-Sur-Barbara biex jeħel mal-binja tiegħu u dan tagħna permess biex inwahluh. Saret applikazzjoni għal shifting u l'kuntrattur Nexos wahluh.

53.4.05 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar risposta mingħand il-kuntrattur li poġġa scaffolding go Triq Tal-Qroqq, li wara aktar korrispondenza wasalna għal arranġament u Is-Sur Euchar Vella ħallas is-somma ta' 2000 euro

Is-Sur Lino Bartolo qal li ma jaqbilx li dan ħallas dan l'ammont biss għax ilu hemm min Mejju u ċċekkja mal-minuti ta'Gunju.hawn kompla jispjega li dan mar ikejjel l-arja barra il-parti ta'quddiem u anke kellu jiltaqgha mal-kuntrattur waħdu meta suppost kellhom jattendu is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv u spiċċa jargumenta miegħu għax il kuntrattur qal li dan ftiehem ma' Kunsillier li jista' jagħmlu basta wara jirranġa il-bankina.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li ma' ftiehem xejn mal-kuntrattur u li dan xorta kien obbligat jirranġa il-bankina
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li qatt ma' stajna inkunu ċerti kemm ilu u ma' stajniex ikollna argument sod biex infittxuh u li fil-futur għandna nieħdu passi fil-pront meta naraw affarijiet isehhu bla permess.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella spjega li ġa bdejna inkunu aktar attenti u żiedna is-superviżjoni fuq li qed jiġri fit-toroq dan ġa wasal biex ħadna passi fil-pront u obligajna diversi persuni iħallsu il-permessi meħtieġa.

6.06pm wasal u ingħaqad mal-Kunsill Is-Sur Matthew Agius

53.4.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai Talbet sospensjoni tal-aġenda u stidnet lill-accountant Romina Perici Ferrante biex tagħti spjega tar-rapport finanzjarju għas-sena 2016,prezzentat fuq il-mejda

## 53.5 Finanzi

53.5.01 l-Accountant Romina Perrici Ferrante tat-rendikont tar-rapport finanzjarju tas-sena 2016 u wieġbet għad-domandi tal-Kunsilliera fir-rigward tal-qagħda finanzjarja tal-Kunsill.Hawn kompliet tispjega li sar progress u li l'Kunsill għamel surplus.Dan sehh billi kien hemm kontroll fuq in-nefqa li wasal biex il-pożizzjoni tal-Kunsill tjiebet ħafna fejn is-sena preċedenti.

53.5.02 Ir-rapport ġie approvat unanimament u firmat mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv..

l-Accountant Romina Perrici Ferrante ħalliet il-mejda u il-Kunsill kompla bl-aġenda.

## 53.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;<Kontinwazzjoni>

53.4.07 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar il-poġġaman tat-taraġ ta' Skate Park fejn bagħtna ir-ritratti u ħadna risposta lura li ħadu nota. Fil-bidu tas-sena rajna xi ħaddiema jagħmlu xi xoghol.Ha nagħmlu verifika ta' xoghol li sar u nimxu min hemm

Is-Sur Charles Selvaġġi qal li jixtieq iżid mal-minuta li kien ikkonferma li dan sar.

53.04.08 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar parkeġġ abbużiv ta' vetturi tal-kumpanija Titan li cempel l-avukat ta' Titan u talab biex inkunu nistgħu niltaqgħu wara il-festi. Dan għadu ma għamilx kuntatt ieħor biex niftehmu data.

53.04.09 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar mistoqsija li għamel is-Sur Charles Selvaġġi jekk Il-parkeġġ ta' Triq il-Wied ma Blue Cross Annimal Clinic hux tal-privat jew pubbliku li għadna ma' hadniex risposta

53.04.10 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill il-kumpanija Green MT għanda tagħti lill-kunsill ammont ta' 8500 euro,ha nibghatu statement u ittra biex niġbru din is-somma.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li għandna nirranġaw appuntament biex niltaqgħu magħhom fuq affarijiet oħra.

Is-Sur Maurice Agius qal li għandna inqajmu is-suġġett meta niltaqgħu magħhom

Is-Sur Lino Bartolo qal li nagħtu ċans sa l'ahhar ta' xahar u nibghatu ittra b' l-avukat.

53.04.11 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar il-ħġieġ imkisser tal-Bus Stop ġejna mgħarfa li l' email ġiet mgħoddija lill- ikkonċernati iżda għadna ma rajna l'ebda żvilupp

Is-Sur Maurice Agius qal li hemm bżonn issir xi haġa biex dawn issiru għax mhux sew li jibqgħu hekk.

53.04.12 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill li dwar ir-risposta fuq il-mozzjoni ta' parkeġġ residenzjali,is-Segretarju Permanenti Ewlieni talabna nibghatu kopja tal-mozzjoni lill-Ministru li jaqaw taħtu il- Kunsilli. Għalhekk bagħtna kopja lill Ministru Owen Bonnici u Segretarju Parlamentari Stefan Bontempo li tagħna parir u talabna nibghatuha lill-Ministru ta'Trasport u nagħmlu laqgha mal- LESA li kienu ikkupjati fir-risposta tieghu.Din saret llum stess u ġiet diskussa flimkien mas-suġġett tal-Green wardens.Il- Kap Eżekuttiv tal-LESA is-Sur Ray Zammit ha nota ta' dak li ġie diskuss u ta'struzzjonijiet biex il-wardens jaraw li residenti ta' L-Imsida li joqgħodu fil- viċin ta' Ta-Xbiex ma jingħatawx ċitazzjoni minħabba parkeġġ residenzjali go Ta-Xbiex

Dwar il-proġett pilota tal-Green Wardens ġew diskussi diversi problemi li qed issib il-kunsill lokali fosthom l' abbużi ta' boroż li jinħarġu wara il-hin.Is-Sur Ray Zammit ħa nota u tlabna ngħaddu rapporti fejn qed issiru dawn l-abbużi b' mod ta'spiss.

Min naħa tal-Kunsill attendew għal-laqgħa Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ,Il Kunsilliera Charles Selvaggi,Maurice Agius,Lino Bartolo u Is-Segretarju Eżekuttiv.

53.4.13 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill li kopja iffirmata tal-kuntratt dwar il-proġett li se jgħamel il-Kunsill taż-Żgħażagħ ġiet mgħoddija lil Aġenzija Żgħażagħ.
Is-Sur Lino Bartolo qal li dwar il parti mil-art li jidher li mhix tal-Gvern u li hemm regola tal-MEPA li tgħid li suppost fejn hemm art għal żvilupp iżda mhux użata li għandu jimtela ċint mad-dawra u jekk issir hekk ikun hemm parti maghluqa u mhux jieħu ħsieba il-Kunsill. Jidhirlu l-MEPA tista' tieħu ħsieb dan hu mbagħad titlob il-ħlas mingħand is-sid
Is-Sur Emanuel Brincat L-aħjar nagħmlu riċerka biex naraw ta' min hija il-propjetà u nitolbuh jagħmel dan.

53.4.14 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill li qed naraw x nistgħu nagħmlu dwar CCTV kameras u saret laqgħa ma' aġent tas-servizz [ALL VIEW] b' dawn it-tip ta' kameras għal stima u deskrizzjoni.
Is-Sur Maurice Agius qal li hu kien qal lis-Segretarju Eżekuttiv għandu biljett ta' xi ħadd li iġib dawn il-kameras ukoll iżda qallu biex għalissa iżommu għax ha jagħmel sejħa għal stimi online.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li għandna naraw iktar stimi fuq il-kameras u dawn irridu issiru online.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li jekk min għandu kuntatti ta'fornituri jaghduhom ħalli imexxu.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella ikkonferma u spjega li dan joffri tip ta' servizz li ma' tixtrix il-kameras u li xtaq jieħu idea ta' kif taħdem din is-sistema.Is-sejha għal stima online xorta għanda ssir.

53.4.15 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar it-talba mis-Sur Clayton Camilleri għal ħlas ta' ħsara fir-rim ta' rota,is-Sur Clayton Camilleri ġie infurmat li l-Kunsill laqgħa it-talba tiegħu. Meta jġib ir-riċevuta nagħmlu il-ħlas

53.4.16 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar il-claim mis-Sur Christopher Saliba ta' ħsara f-tyre li tlabna id-dettalji u ritratti Iżda is-Sur Christopher Saliba ma' taghnix risposta
Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa jekk hemmx xi time frame legali sakemm jista' issir rapport lill-pulizija u kemm il-Kunsill jista' jistenna biex jieħu risposti għal kjarifika li jista' jitlob.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wieġeb li ma jidhirx li hemm iżda ha jiċċekkja.

53.4.17 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill li l-bankina go Triq Victor Denaro quddiem Pearl Court,Saret 23-1-17

53.4.18 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar il-kopja tal-pjanta ta' binja li se tinbena fi Triq il-Wied kopja tal-pjanta waslet.

Is-Sur Lino Bartolo qal li l-pjanta ma ra hiex iżda suppost li saret objection minħabba l-garaxxijiet.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li dawn żdiedu.

53.4.19 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar It-tbajja tal-art ta' Misraħ San Guzepp li għad irridu nġibdu stima

53.4.20 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill il- patching ta' Triq It-Tabib Naudi. Lesta

53.4.21 Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa dwar garaxxijiet mhux użati fi Triq Calleja Schembri u fuq x'hiex jista' issir biex nieħdu idea ta' x hawn iżjed fl-Imsida ħalli fejn hemm bżonn nagħmlulhom parking
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella qal li hemm bżonn nagħmlu skeda ha niġbru l-informazzjoni fid-dettal ta'xogħol kollu li hemm bżonn issir fit-toroq biex nieħdu idea ċara ta'kemm tista' titla l-spiża u nippjanaw sew
Is-Sur Maurice Agius qal li naraw x'hemm u kif nistgħu nduru ma' dak li hemm u nirranġaw fejn hemm bżonn.
Is-Sur Emanuel Brincat l option li hemm hija li fejn insibu dawn issiru bojod.

Is-Sur Maurice Agius li l-Busy Bee għandu garaxx u ma'daħalx karozzi fih.
Is-Sur Charles Selvaġġi issuġġerixxa biex nagħmlu sticker tal-Kunsill biex nimmarkaw dawk il-garaxxijiet vera użati u noqgħodu attenti biex ma' nehdux kaxxi sofor b'mod inġust.

53.4.22 Is-Sur Maurice Agius staqsa fuq talba ta'żebra cross oħra go Triq D'Argens.

Is-Sur Emanuel Brincat qal li bagħat lista shiha ta'affarijiet inkluża z-żebra cross iżda għadu ma ha l'ebda risposta

53.4.23 Is-Sur Lino Bartolo qal li l-funtana fi Triq Viktor Denaro għanda bżonn titnaddaf.

53.4.24 Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa fuq Ir -rapport li kellu issir dwar li-stat ta'Triq Is-Sarg.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wieġeb l'irċieva rapport preliminari fejn jidher li din qed tis-sfronda u se jibgħat ir-rapport komplut lill-Trasport Malta la jkun lest.

### 53.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

53.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-Kunsilliera li-CCTV kamera tal-Greenpak kellha tittwahal fit 18ta'Jannar 2017 fuq il-Bring in site ta' Triq Victor Denaro.

53.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-Kunsilliera li l'kumpanija Go infurmat lill-Kunsill li se jnehhu żewġ payphone stands li jidher li mhux qed jiġu uzati.Il-Kunsilliera preżenti approvaw li dawn jittnehew.

53.5.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-Kunsilliera dwar ċirkulari 50/2016 mingħand ir-Reġjun Ċentru rigward il-kuntratti tad-dawl jekk il-Kunsill jaqbilx li dan issir bħala kuntratt wieħed ċentrali mir-Reġjun jew nagħmluh bħala Kunsill Lokali l-Imsida..

Il-Kunsilliera prezenti huma tal-fehma li aħjar jekk inżommu il-kuntratt ta'manutenzjoni tad-dwal kif hu u mhux wieħed ċentrali.

53.5.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-Kunsilliera dwar il-kwistjoni tal-allowance tal-Kunsilliera li jidher li qamu ħafna ilmenti mill-kunsilliera.

53.5.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai waslet korrispondenza mil-Viċi Sindku Dr. Alex Sciberras biex naraw ta' min hija il ħofra li qed tikkawża inkonvenjent ta'riħa tinten go Triq il-Prinċipessa Margaret ħalli din tiġi imnaddfa.

53.5.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-Kunsilliera dwar talba biex jibdew issiru lezzjonijiet ta'Drama ġol-binja tal-Kunsill fejn il-lezzjonijiet għar residenti ta'l-Imsida tkun bla ħlas

Is-Sur Maurice Agius qal li sakemm ir-residenti ikunu bla ħlas hu ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

Il-Kunsilliera prezenti approvaw.

53.5.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-Kunsilliera dwar talab għal-permess mis-sur Jason Jones biex jagħmel setup bħal ta' sena l-oħra fuq il-bankina quddiem il-ħanut tiegħu kif deskritt fir-ritratt preżentat fuq il-mejda iżda mighajr il-mannikin.

Is-Sur Maurice Agius qal li dan ma' jaqbilx li jagħmel tapit għax is-sena l-oħra sema li persuna kienet se taqa' fuqu.Jekk dan għandu jagħmlu għanda issir assikurazzjoni tajba u għolja fuq aċċidenti bħal dawn hu tkun ċara li l-Kunsill mhux responsabbli

Is-Sur Lino Bartolo qal li dan kappara kullimkien anke saħansitra għamel standard min nah għal oħra tat-Triq u mhux sew li dan ma' ħallas xejn, hawn fakkar li teżisti Byelaw fuq reklamar.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li dan għandu żewġ qsari fit-tarf tal-bankina, dawn ghandhom almenu jigu mal faċċata tal-ħanut.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wieġeb li jekk jinħareġ permess għat tapit il-Kunsill xorta jinżamm responsabbli hawn kompla jispjega li ha jwieġeb lis-sur Jones anke fir rigward ta'kummenti fuq l-Aġent Segretarju għax dan ma' fhemmx li l'punt kien fejn tidhol Health and Safety u jitolbu jiġi l-uffiċju ħalli jagħmel dan ċar u li jekk ma' jiġix lest immur għandu.

Is-Sur Lino Bartolo qal li jekk irrid jiġi hu u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex ma jmurx għandu

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella qal ha jieħu ħsieb jikteb u jitlob lis-sur Jones jiġi jiddiskuti il-permess u jagħmilha ċara li dan għandu iħallas tal-standard , li ma'jistax jagħmel it-tapit u iressaq il-qsari.

7.45pm wasal u ingħaqad mal-Kunsill Is -Sur Alan Abela Wadge

7.48pm Is -Sur Matthew Agius talab li jkun skużat għax għandu impenn ieħor u għarraf lill-Kunsill li bidel ix-xogħol tiegħu biex tkun nnotata għal fini ta' dikjarazzjonijiet ta'konflitt ta'interess li jista' jkun hemm fil-futur.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella Talbu biex jibgħatlu nota miktuba biex ikun jista' jagħmilha fil-file tal-kunsillier.

53.5.10 Is-Sur Charles Selvaġġi qal li fi-Triq Il-Magna ta'Serrar il-karozzi qed jghaddu b' veloċità qawwija u talab biex tittwahal speed sign ta'15km

53.5.11 Is-Sur Emanuel Brincat qal li hemm bżonn tinqala u titranġa it-traffic island fejn il-Bring in Site ta'Swatar
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella qal li fil-stess post hemm talba mill-Kumitat Amministrattiv Swatar biex jeħel arblu tad-dawl għax hemm huwa mudlam ħafna.

Is-Sur Emanuel Brincat qal li fil-stess post hemm bżonn ta'notice board u naraw jekk tiġiex sponsorjata mill-ARKADIA

53.5.12 Is-Sur Lino Bartolo staqsa fuq it-tenders li hemm bżonn issiru.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wieġeb li ġa beda jara għal gbir ta'skart u knis u li dawn irridu issiru online
Is-Sur Lino Bartolo qal li l-awdituri se jsaqsi għal dawn jagħmlu il-kumment fil-management letter.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wieġeb li dawn kienu spiċċaw qabel ma' beda il-kariga u mhux se jkunu lesti sakemm jiġu l-awdituri għax il-proċess jieħu iż-żmien tiegħu.fil manegment letter għandu jkun innotat li dan qed jiġi indirizzat.

53.5.13 Is-Sur Lino Bartolo qal li l'arblu tal-ġostra tħalla barra u qed jiġbor ħafna ħmieġ taħtu.

53.5.14 Is-Sur Lino Bartolo qal li hemm bżonn niktbu lill-Trasport Malta minħabba tbatijiet ta' gharar li qed ibati sid il-ħanut Queen Ann furniture għax kif saret it-Triq il-qlib tal-ilma qed immur għandu
Is-Sur Emanuel Brincat kien issuġġerixxa li issiru culverts bi tlieta u ha jerġa jikteb u jagħmel l-stess suġġeriment.

53.5.16 Is-Sinjura Romina Galea qalet li l-ilma tal-ġibjun dejjem qed jiġi aħdar u żdiedet ħafna il-problema b'riħa ta' drenaġġ

53.5.17 Is-Sur Maurice Agius qal li Triq Monsinjur d'Andria ġiet magħluqa bla permess biex tinħatt merkanzija tal-Busy Bee min fuq trakk u żamm serbut traffiku sakemm għamel dan. Is-Sur Agius ppreżenta fuq il-mejda sett ta'ritratti li jispjegaw il-fatt u qal li mhux sew meta dan għandu vannijiet pparkjati fit-triq u messu neħħa dawn biex jidħol it-trakk hemm sakemm iħott.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li se tkellem u jekk hemm bżonn niltaqgħu ma' tal-Busy Bee.

53.5.18 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai preżentat fuq il-mejda il pjanti u il-BOQ's għal proġetti ta' tissbieh tal-Bandli tas-Swatar u L-Imsida. Hawn spjegat it-tibdil propost tas-Swatar fejn se jitneħħa il-football pitch u minfloku jiġi open Gym.

Is-Sur Emanuel Brincat Spjega li għandu jitneħħa r-reċint li huwa kollu mkisser u ħafna mix-xogħol ha jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.
Is-Sur Lino Bartolo qal li il-Green pak sponsorjat x haġa simili u ippropona biex imexxuha waqt il-laqgħa magħhom forsi jagħmlu il-fence.
Il-Kunsilliera prezenti qablu mas-suġġeriment u approvaw.

53.5.19 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella Talab lill-Kunsilliera preżenti li hemm bżonn li tiġi deċiża id-data għal meta ser-ssir il-laqgħa annwali għar-residenti

Is-Sur Lino Bartolo Qal li din is-soltu issir f'Marzu u qabel irridu niddiskutu il-baġit.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella spjega li ħarrġet ċirkolari fejn il-kunsill ġie mitlub javża lid-dipartiment sa mhux aktar tard min għada l' 25 ta' Jannar.

Is-Sur Emanuel Brincat ippropona li din tkun fil 21 ta' Marzu u wara issir il-laqgħa tal kunsill għal approvazzjoni tal baġit.
Il-Kunsilliera prezenti qablu u approvaw.

53.5.20 Is-Sur Maurice Agius Staqsa jekk dik in-nhar li issir il-laqgħa għar residenti tistax issir il-laqgħa dwar il-pjan propost ta' traffic manegment ta' Triq San-Lwigi.Hawn kompla jispjega li l-Kunsill kien ftiehem li meta nircievu ir-riżultat mingħand Trasport Malta li għanda tissejjah laqgħa għar residenti dwar dan il-pjan.

Is-Sur Emanuel Brincat qal li se n-nformaw u naraw jekk hemmx suġġerimenti.

Is-Sur Maurice Agius sostna li l-kunsill ftiehem li issir laqgħa lir-residenti.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li l-kunsill ftiehem li ssir konsultazzjoni

Is-Sur Maurice Agius qal li dakinhar intqal li jlaqqgħu ir-residenti u kullħadd qabel u qal iva u ma' jaqbilx li issa tinbidel id-deċiżjoni tal-Kunsill.
Is-Sur Emanuel Brincat sostna li intqal li ssir konsultazzjoni.
Is-Sur Maurice Agius qal li kul ma' qed jitlob hu li jitqajjem dan il-punt waqt il-laqgħa.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li l-ittra se tintbagħat biex tavża lir-residenti x se jiġri u jekk għandhom xi suġġeriment jagħtuh..

Is-Sur Maurice Agius qal li dik issir wara imma l-ewwel intqal speċifikament issir laqgħa.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li hi qalet konsultazzjoni u mhux laqgha.Hawn kompliet tispjega li jekk issir laqgħa ma naslu mkien għax ħlief cross debates min naħa għal oħra u konfuzjoni ma' jkunx hemm.
Is-Sur Maurice Agius qal li laqgħa u konsultazzjoni mhux l-stess haga.Konsultazjoni tista' issir b-ittra imma il-Kunsill ftiehem li issir laqgħa.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li intbghatet email fuq is-suġġett u li kulħadd seta' jagħti tweġiba.
Is-Sur Maurice Agius qal li wieġeb.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li s-Sur Maurice Agius wieġeb u qal Iva.

Is-Sur Maurice Agius qal li wieġeb iva iżda li wkoll qalla li ma' jaqbilx li ma' naghmlux il-laqgħa u li dan il-kliem qalu waqt diskursata hawn stess.Hawn kompla jispjega kif se jiġu affettwati residenti ta'ċertu toroq fosthom ta' Triq It-Tabib Naudi.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai Spjegat li it-traffiku qed jikkawża periklu ċar fi Triq il-Kuncizzjoni u go Triq SanLwigi għad jinqala x aċċident għax it-triq ma' tiflaħx tkun two way bil volum ta'traffiku li qed jaghdi u ħadd ma jkun irrid iċedi u saħansitra ġieli ikunu ġejjin fl-idejn. Hawn kompliet tgħid li biex tasal għal toroq imsemmija dawn jistgħu jghaddu mi toroq oħra.

Is-Sur Maurice Agius qal li din tista' tissolva billi jittnehew il-parkeġġi ta' naħa tal-lemin
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai fakkret li ftit qabel kien qed tiġi diskussa il-problema tal-parkeġġ.
Is-Sur Maurice Agius qal meta kien hemm bżonn tnehha parkeġġ min toroq oħra.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li dan tnehha temporanju sakemm ikun lest il-proġett tal-Kappara.
Is-Sinjura Romina Galea Spjegat li bil-vannijiet li qed jghaddu mi go triq il-Kunċizzjoni lanqas tista' toħroġ mil bieb il barra u periklu shih hemm.
Is-Sur Emanuel Brincat ippropona li għanda tittieħed deċiżjoni.
Is-Sur Charles Selvaġġi qajjem il-punt li kien hemm qbil dwar konsultazzjoni u hawn staqsa x se jsir mis-suġġerimenti jekk hux se jiddeċidih il-Kunsill, jekk hux se inkellmu r-residenti jew jekk hux ser jittieħed vot.

Is-Sur Maurice Agius qal li għanda issir il-laqgħa għax ma' għandiex tinbidel id-deċiżjoni tal-Kunsill
Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa jekk nistgħux nirranġaw il-kliem ta'l-ittra
Is-Sur Lino Bartolo qal li l-aħjar nibgħatu l-ittra ħalli jkun hemm feedback u nitkellmu fil-laqgħa tal-Kunsill li imiss
Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa meta hija il-laqgħa tal-Kunsill
Is-Sur Emanuel Brincat qal jekk jirċievu is-suġġerimenti sat 18 ta'Frar u nkunu nistgħu niddiskutu fil 21ta'Frar
Is-Sur Charles Selvaġġi qal li dakinhar ha jkun imsiefer għax ikalkula li is-soltu l-laqgħa issir l-ahhar Tlieta tax-xahar.Hawn talab lis- Segretarju Eżekuttiv biex jieħu nota bil quddiem ha jkun skużat.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella ha nota u iċċara li se tiġi riveduta l-ittra u se jibgħatha lill-Kunsilliera l-ewwel biex jarawha qabel ma' din tintbagħat għal konsultazzjoni mar-residenti tat-toroq msemmija.Dawn irridu jibgħatu is-suġġerimenti tagħhom bil-miktub fuq formola annessa sa mhux aktar tard mit 18 ta'Frar. Hawn kompla jispjega li dawn is-suġġerimenti se jiġu diskussi fil-laqgħa tal-21 ta'Frar.

Il-Kunsilliera prezenti qablu u approvaw.

8.40pm Is -Sur Emanuel Brincat talab li jkun skużat u halla il-laqgħa.

53.5.21 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella Spjega u ppreżenta fuq il-mejda it-Talba għal Group Health insurance tal-impjegati u il Kunsilliera għal approvazzjoni.

Il-Kunsilliera prezenti qablu u approvaw.

53.5.22 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella Spjega u ppreżenta fuq il-mejda il-performance appraisal tal-impjegati għal approvazjoni.Saru xi mistoqsijiet u tweġibiet.

Il-Kunsilliera prezenti qablu u approvaw il-massimu tal-perċentaġġ

53.5.23 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella halla għad diskussjoni l-item tal-aġenda li kien imiss għal Kunsilliera preżenti.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai preżentat fuq il-mejda il-performance appraisal ta'żewġ Aġenti Segretarji Eżekuttivi preċedenti u is-Segretarju Eżekuttiv fil-Kariga għad-diskussjoni
Il-Kunsilliera prezenti qablu u approvaw il-massimu tal-perċentaġġ

**53.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat**

**53.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

53.7.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l'Skeda 1 sa' 5 ta`ħlasijiet għal-approvazzjoni tal-membri'skeda ġiet approvata unanimament.

53.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

53.8.01 Il-laqgħa intemmet 9:10 ta' filgħaxija ġiet aġġornata għall-21 ta' Frar 2017 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 20 ta Diċembru 2016

**IFFIRMATA**

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |